# QORTI ĊIVILI
# Prim' Awla

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għoxrin (20) ta' Lulju 2021**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 915/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Dr Peter Gatt**
**(ID 25466M)**

**Vs**

**Malta College for Arts, Science and Technology, l-Onorevoli Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti Dr. Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dr. Justyne Caruana fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Professur Joachin James Calleja bħala Principal tal-Malta College for Arts, Science and Technology u Philip Vella bħala Deputat Principal tal-Malta College for Arts, Science and Technology u Dr. Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab lill-Qorti sabiex, bil-għan illi jiġu kkawtelati d-drittijiet tiegħu, il-Qorti għandha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' l-intimati fejn jiġu inibiti milli:

*jkompli bl-esekuzzjoni w implementazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u jitrasferixxi lill-esponenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra*

*Illi l-esponenti kien daħal fl-ingaġġ taċ-Ċivili bħala għalliem fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.*

*Illi l-esponenti kien ġie detailed mill-Uffiċċju tal-Prim Miistru sabiex jippresta s-servizzi tiegħu ta' lecturer fis-sena 2014 fl-MCAST fid-Dipartiment ta' Building and Construction Engineering.*

*Illi l-esponenti huwa l-unika persuna fl-MCAST li jipposjedi l-kwalifiċi, kompetenza u esperjenza fis-suġġetti li qed jgħallem u jipposjedi l-għola kwalifiki akkademiċi fid-Dipartiment.*

*Illi f'dawn l-aħħar xhur svolġiet sitwazzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-esponenti u l-Management fi ħdan l-MCAST dwar il-kwalita baxxa tas-sillabi li kienu qegħdin jiġu mposti fuqu.*

*Illi konsegwenza ta' hekk saru diversi tentattivi da parti tal-istess Management, jew minn minnhom, sabiex l-esponenti jiġi b'mod arbitrarju u nġust mkeċċi minn maċ-Ċivil in ġenerali.*

*Illi meta dawn it-tentattivi sfaxxaw stante illi legalment ma kinux sostenibbli, rrekorrew għal proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Public Service Commission li d-deċiżjoni tagħha kienet fis-sens li ma jiġix imkeċċi u dan kif jirriżulta mill-kopja hawn annessa u mmarkata Doc A.*

*Illi minn din id-deċiżjoni ġie ntavolat appell.*

*Illi da parti tal-esponenti, huwa stitwixxa proċeduri quddiem l-Ombudsman sabiex jinvestiga l-mod arbitrarju u llegali li permezz tiegħu l-Management kien qed jaġixxi fil-konfront tal-esponenti u ċioe' li għalkemm kien fl-impjieg tal-MCAST huwa ma kienx qed jiġi assenjat lectures.*

*Illi l-Ombudsman, u dan kif jirriżulta mill-kopja hawn annessa u mmarkat Doc B, sab favur l-esponenti.*

*Illi nonostante dawn id-deċiżjonijiet li bl-ebda mod ma jikkundannaw xi aġir tal-esponenti, anzi, hemm dikjarazzjoni li huwa ġie soġġettat għal "an act which was oppressive and tantamount to degrading treatment of the complainant by the said Institution", l-istess Istituzzjoni baqgħet tippressa bl-aġir arbitrarju u degredanti tagħha u permezz ta' ittra li ġġib id-data tas-17 ta' Ġunju 2021 da parti ta Philip Vella, Deputy Principal - Administration b'attachment ta' ittra da parti ta' Mary Scicluna, Director*

*(Human Resources) ġie ordnat sabiex b'effett immedjat, u ċioe' mil-lum 21 ta Ġunju 2021, jibda jirraporta għax-xogħol ġewwa Pembroke Secondary School u dan kif jirriżulta minn Doc C hawn anness.*

*Illi din id-deċiżjoni hija waħda skorretta u llegali stante li (a) l-esponenti qed jiġi soġġettat għal azzjoni punittiva doppjament u ċioe' transfer lil hinn min dak subit permezz tad-deċiżjoni tal-PSC u (b) l-MCAST ma segwiex il-proċedura stabbilita mill-Manual on Resourcing Policies and Procedures li huwa maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.*

*Illi f'dan ir-rigward issir referenza għal Sections 5.1 u 5.2 kopja tagħhom hawn annessa u mnarkata Doc D.*

*Illi permezz tal-Artikolu 5.2.4, meta si tratta r-revoka ta' detailing, bħal ma huwa l-każ odjern, tali revoka tista' ssir biss u ċioe' "Approval for the revocation of detailing of public officers rests with the Prime Minister" u dan kif soġġett għal kondizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 5.2.1 u 5.2.2.*

*Illi fil-każ odjern ma ġiet segwita l-ebda proċedura hekk stabbilita għal liema raġuni r-revoka tad-detailing tal-esponenti huwa wieħed illegali u jmur sabiex jikser id-drittijiet fundamentali tiegħu.*

*Illi jekk din id-deċiżjoni ser tiġi implementata dan ikun ifisser it-tmiem ta' karriera twila akkademika fl-livell terzjarju kif wkoll il-vjolazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali tiegħu stante illi kif ġia espost mill-Ombudsman fid-deċiżjoni teigħu huwa diġa' ġie soġġettat għal trattament degredanti u bit-trasferiment sabiex jippresta s-servizzi tiegħu fi skola ta' livell anqas din id-degredazzjoni ser tkompli tikber b'konsegwenzi serji anke għal saħħtu.*

*Illi għalhekk l-urġenza u neċessita li din it-talba tiġi akkolta hija ta' mportanza massima stante illi d-dannu li ser ikun qed isofri ser ikun wieħed irreparabbli.*

2. Rat illi fil-21 ta' Ġunju 2020, il-Qorti laqgħet il-Mandat ta' Inibizzjoni provizzorjament filwaqt illi ordnat in-notifika lill-intimati b'għaxart ijiem għar-risposta w appuntat il-Mandat għat-trattazzjoni finali għat-8 ta' Lulju 2021.

3. Rat illi fil-25 ta' Ġunju 2021 ġiet ippreżentata r-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti Dr. Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dr. Justyne Caruana fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Dr. Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru li laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

   *1. Illi permezz tal-Mandat de quo, ir-rikorrenti talab li l-intimati kollha jiġu inibiti u miżmuma milli "jkompli bl-esekuzzjoni w implementazzjoni*

*tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u jitrasferixxi lill-esponenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra";*

*2. Illi l-kuntest li fih qed isir dan il-Mandat huwa fejn ir-rikorrenti kien għalliem fi Skala 7 u gie 'detailed' fil-kulleġġ MCAST, intimat f'dawn il-proċeduri, ai termini ta' l-Artikolu 114 tal-Kap.327 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fis-sena 2014. Ġara li d-'detail' tiegħu ġie revokat b'dan li huwa kellu jirritorna għall-grad li kellu qabel u jirraporta lura lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. It-talba tar-rikorrenti f'dan il-Mandat huwa proprju biex ma jiġix trasferit effettivament fl-iskola sekondarja ta' Pembroke jew skejjel oħra [vide DOK.C eżebit mal-Mandat odjern];*

*3. Illi biex jingħata sfond iżjed ċar, huwa minnu li r-rikorrenti kien ġie assoġġettat għal proċeduri dixxiplinari fuq inċidenti li dwarhom kien instab ħati, iżda dan ma kellu x'jaqsam xejn mar-revoka tad-'detail' tiegħu – kuntrarjament għal dak li donnu jagħti x'jifhem ir-rikorrenti;*

*4. Ili r-revoka tad-'detail' tar-rikorrenti mall-kulleġġ MCAST saret wara li l-istess rikorrenti kien ilmenta li l-credits/units li ġew assenjati lilu biex jgħallem l-istudenti ma rrikjedewx il-livell u kwalifiki tiegħu, u seta' jgħallimhom perit, b'dan li r-rikorrenti wera b'mod ċar li ma xtaqx jgħallem l-istess suġġetti. Effettivament it-talba għar-revoka tad-'detail' saret peress li, wara dan id-diskors, il-Kulleġġ fehem li ma kellux iżjed bżonn l-'expertise' tar-rikorrenti, u effettivament l-istess suġġetti jiġu mgħallma minn Perit illum, proprju kif issuġġerixxa r-rikorrenti;*

*Eċċezzjoni tal-Leġittimu Kuntradittur*

*5. Illi fil-proċeduri ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rikorrenti jeħtieġlu jipprova li għandu dritt prima facie, u li f'każ li l-Mandat ma jintlaqax, ir-rikorrenti jsofri preġudizzju li jkun irrimedjabbli. Detto questo, xorta waħda r-rikorrenti huwa marbut li jindirizza t-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-persuni li jistgħu jkunu qed jiksrulu dan id-dritt, jew xort'oħra jaffettwaw dak id-dritt, anke jekk fuq bażi prima facie. Għalhekk, ir-rikorrenti huwa obbligat li jindirizza l-Mandat tiegħu kontra l-leġittimu kuntradittur tiegħu, u dan dejjem fil-kuntest tat-talba għall-inibizzjoni.*

*6. Illi għalhekk, għall-iskop ta' din il-proċedura, wieħed għandu jara min effettivament għandu s-setgħa li jeżegwixxi t-trasferiment li r-rikorrenti tant jixtieq li ma jsirx.*

*7. Illi l-Artikolu 114 tal-Kap.327 jiddisponi kif ġej:*

*"114.(1) Il-Prim Ministru jista', fuq talba ta' xi entità u bi qbil mal-Ministru, minn żmien għal żmien, jordna li xi uffiċċjal pubbliku jiġi*

*mqabbad jaqdi dmirijiet ma' xi entità f'dik il-kariga u minn dik id-data u għal tul ta' żmien li tista' tkun speċifikata fl-ordni tal-Prim Ministru.*

*(2) Il-perjodu li matulu ordni, kif hawn aktar qabel imsemmi, għandu japplika għal xi uffiċċjal speċifikat fiha għandu, kemm il-darba l-uffiċċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku jew jekk xort'oħra ma jibqax fil-kariga f'data li tiġi qabel, ikun dak li jista' jiġi speċifikat fl-ordni, kemm il-darba l-ordni ma tiġix revokata qabel mill-Prim Ministru."*

*8. Illi skond il-Liġi, li uffiċċjal pubbliku jiġi 'detailed' ma' entita', jew li dak id-'detail' jiġi revokat hija prerogattiva ta' l-esponenti l-Onorevoli Prim Ministru.*

*9. Illi dan ifisser illi l-esponenti Segretarju Permanenti Dr. Francis Fabri, l-Onorevoli Ministru Dr. Justyne Caruana, u Dr. Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ma jistgħux jirrispondu huma għal kwalunkwe lanjanza li r-rikorrenti jista' jkollu dwar ir-revoka tad-'detail' tiegħu.*

*10.Illi l-esponenti Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr. Justyne Caruana, skond il-Liġi għandha involviment fil-proċess ta' 'detailing', iżda ma jirriżultax mill-Artikolu 114(2) li għandha involviment fir-revoka tad-'detail'.*

*11.Illi l-esponenti Segretarju Permanenti Dr. Francis Fabri ma għandu ebda involviment effettiv fil-proċess tal-ħatra jew tar-revoka.*

*12.Illi l-esponenti Dr. Joyce Cassar hija s-Segretarju Permanenti tal-Peoples and Standards Division fl-uffiċċju tal-Prim Ministru. Meta, bħal ma ġara f'dan il-każ, entita`, bħal ma hu l-kulleġġ MCAST, jagħmel talba għar-revoka ta' 'detailing', dik it-talba tgħaddi għand il-People and Standards Division, li jgħadduha lill-Prim Ministru għall-approvazzjoni tiegħu. L-esponenti Dr. Joyce Cassar ma ħadet ebda deċiżjoni fir-rigward u lanqas kienet involuta personalment fil-proċess tar-revoka.*

*13.Illi għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti Segretarju Permanenti Dr. Francis Fabri, l-Onorevoli Ministru Dr. Justyne Caruana, u Dr. Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ġew imħarrka inutilment stante li ma humiex il-leġittimi kuntradditturi tar-rikorrenti.*

*Eċċezzjoni tal-Fatt Kompjut*

*14.Illi din l-eċċezzjoni qiegħda tingħata mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti.*

*15.Illi fit-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo, ir-rikorrenti jitlob li l-intimati jiġu inibiti milli "jkompli bl-esekuzzjoni w implementazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u*

*jitrasferixxi lill-esponenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra".*

*16.Illi l-esponenti qegħdin jeċċepixxu li d-deċiżjoni ttieħdet u diġa` ġiet implementata qabel ma saret it-talba għall-ħruġ tal-Mandat de quo, u għaldaqstant jiġi eċċepit il-fatt kompjut.*

*17.Illi l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa sabiex iwaqqaf xi ħaġa milli ssir, u għaldaqstant jekk dik il-ħaġa laħqet saret, il-Mandat ta' Inibizzjoni ikun inħareġ inutilment u ma jibqax skop għalih.*

*18.Illi t-talba sabiex id-'detail' tar-rikorrenti jiġi revokat saret f'Ġunju 2020 u fl-10 ta' Settembru 2020 ir-rikorrenti ġie mgħarraf b'dan. L-esponenti Onorevoli Prim Ministru approva r-revoka fil-11 ta' Ġunju 2021, u b'hekk ir-revoka ġiet effettiva [DOK.A].*

*19.Illi r-rikorrenti ġie mgħarraf li d-'detail' tiegħu ġie revokat fil-11 ta' Ġunju 2021 fis-17 ta' Ġunju 2021, u dan kif jirriżulta mid-DOK.C eżebit mar-rikors promotur.*

*20.Illi kif jirriżulta mid-DOK.C eżebit mar-rikors promotur, ir-rikorrenti ġie mgħarraf li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu fil-kulleġġ MCAST kien ser ikun fit-18 ta' Ġunju 2021 u fil-fatt hekk kien.*

*21.Illi fl-istess dokument jirriżulta wkoll li huwa kien diġa' trasferit fl-Iskola Sekondarja ta' Pembroke u r-rikorrenti ġie ordnat jirraporta għax-xogħol hemmhekk;*

*22.Illi dan il-Mandat ta' Inibizzjoni ġie intavolat fil-21 ta' Ġunju 2021;*

*23.Illi dan ifisser illi, għall-iskop tat-talba kif dedotta fir-rikors promotur, id-deċiżjoni lmentata laħqet ittieħdet u diġa` ġiet implementata u eżegwita sa qabel ma ġie intavolat il-Mandat de quo.*

*24.Illi qabel sar il-Mandat odjern, ir-rikorrenti ġie effettivament itterminat minn mal-Kulleġġ MCAST, ġie 'redeployed' effettivament ġo skola speċifika, u ordnat jirraporta għax-xogħol f'dik l-iskola. B'kull rispett, il-Mandat de quo llum huwa futili stante li ma jistax iwaqqaf deċiżjoni li diġa` ittieħdet u diġa` ġiet eżegwita.*

*25.Illi fil-prinċipju, dak hawn fuq sottomess isib konfort f'dan enunċjat minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta, fid-Digriet fl-ismijiet James Pearsall et noe vs Maurice Zarb Adami noe :*

*"Illi minn dawn id-disposizzjonijiet jirriżulta li l-iskop tal-istess proċedura odjerna hija li l-Qorti twaqqaf xi ħaġa milli ssir li tista' toħloq preġudizzju*

*għar-rikorrenti u allura jsegwi li la darba jiġi ppruvat li dik il-ħaġa li qed tiġi ttentata li tiġi inibita milli ssir, fil-fatt tkun diġa' saret din il-proċedura ma tkunx tista' tirnexxi għax l-iskop tagħha jkun ġie vanifikat."*

*26.Illi għaldaqstant, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat de quo, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

*Dritt Prima Facie*

*27.Illi l-kwistjoni tad-dritt prima facie se tiġi ttrattata mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti.*

*28.Illi fis-Sentenza fl-ismijiet Nicholas Cassar et vs P & S Limited et, ġie stabbilit illi:*

> *"Premess li l-għan ta' talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lil parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Bil-liġi jeħtieġ li r-rikorrenti juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu ir-rikorrenti ser isofri preġudizzju; it-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak; inoltre huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita."*

*29.Illi b'kull rispett lejn ir-rikorrenti, ma jirriżultax ċar x'dritt prima facie huwa qiegħed jippretendi. Ma jirriżultax lill-esponenti liema dritt qiegħed jinvoka l-esponenti li huwa jixtieq jippreserva bil-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjern.*

*30.Illi dan qed jingħad tenut kont tal-fatt illi, skond ir-regolament 5.2.1 tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures, kif eżebit mar-Rikors Promotur, jirriżulta ċar li r-revoka tad-'detailing' ta' uffiċċjal pubbliku tista' ssir jew fuq talba ta' l-uffiċċjal konċernat, jew fuq talba ta' l-entita` li magħha l-uffiċċjal pubbliku kien ġie 'detailed', u dan dejjem soġġett għall-approvazzjoni ta' l-esponenti Onorevoli Prim Ministru.*

*31.Illi inoltre, l-Artikolu 114 tal-Kap.327 jipprovdi dwar ir-revoka tad-'detail' u li dan id-dritt huwa vestit fl-esponenti Onorevoli Prim Ministru.*

*32.Illi b'din is-sottomissjoni, l-esponenti jixtiequ jfiehmu illi l-intimat Kulleġġ MCAST kellu kull dritt illi jitlob ir-revoka tad-'detail' tar-rikorrenti, u l-esponenti Onorevoli Prim Ministru kellu kull dritt li japprova tali talba għar-revoka.*

*33.Illi dan bilfors iqajjem is-segwenti kweżit – jekk l-azzjoni li ttieħdet kienet effettivament dritt u prerogattiva tal-Kulleġġ MCAST u l-Onorevoli Prim Ministru, hekk skond il-Manwal u hekk skond il-Liġi, xi dritt qiegħed jippretendi li għandu r-rikorrenti li jirbaħ dritt li l-Liġi tagħti lil uħud mill-partjiet l-oħra?*

*34.Illi apparti dan, assolutament ma huwiex minnu li ma ġietx segwita ebda proċedura, jew illi r-rikorrenti qiegħed jiġi assoġġettat għal azzjoni punittiva doppjament. Kif diġa` ingħad, wara li kien ir-rikorrenti stess li offra li s-suġġetti li kellu jgħallem kien wisq kwalifikat għalihom, u seta' jgħallimhom Perit, il-Kulleġġ MCAST talab ir-revoka tad-'detail' skond il-proċedura, u dan sabiex professjonist tal-kalibru u kwalifiki tar-rikorrenti jiġi utilizzat fl-istrutturi taċ-Ċivili b'mod iżjed idoneju.*

*35.Illi jsegwi illi uffiċċjal pubbliku m'għandu ebda dritt assolut li jagħżel hu fejn għandu jiġi 'detailed' għax-xogħol, u alla ħares ma jkunx hekk stante li kieku jirrenja l-kaos fis-servizz pubbliku.*

*36.Illi għaldaqstant, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi r-rikorrenti m'għandu ebda dritt prima facie li jiġġustifika l-ħruġ ta' Mandat de quo.*

*Preġudizzjoni Irrimedjabbli*

*37.Illi kif diġa` intqal, l-element tal-preġudizzjali huwa rikjest b'mod kumulattiv ma' dak tad-dritt prima facie, u r-rikorrenti jrid juri għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li jekk il-Mandat ma jintlaqax huwa ser isoffri preġudizzju li ebda Sentenza ma tista tirrimedja – għalhekk ir-referenza hija għall-preġudizzju irrimedjabbli.*

*38.Illi kif ġie ritenut fis-Sentenza fl-ismijiet Charles Mugliette vs Saviour Bonnici :*

> *"Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma*

*jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat." [enfasi ta' l-esponenti]*

*39.Illi r-rikorrenti għad irid jispjega x'preġudizzju jista' jinħoloqlu li ma jista' qatt iżjed jiġi ratifikat.*

*40.Illi filwaqt illi jiġi ribadit illi ma hux ċar għall-esponenti liema dritt ir-rikorrenti jippretendi li għandu prima facie u li mingħajr il-Mandat de quo se jiġi kalpestat, jekk huwa jilmenta dwar xi trattament inġust fl-isfond ta' proċeduri dixxiplinari li jsemmi hu, li a skans ta' ripetizzjoni, la kellhom, u lanqas għandhom, xejn x'jaqsmu mar-revoka tad-'detail' tiegħu mill-Kulleġġ MCAST, huwa dejjem għandu rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali, jew quddiem il-Qrati ordinarji permezz ta' kawża għal reviżjoni ta' għemil amministrattiv, li fiż-żewġ fora kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva żbaljata tista' tiġi mħassra u saħansitra r-rikorrenti jista' jiġi reintegrat fil-Kulleġġ MCAST.*

*41.Illi dejjem bi spunt ta' dak li r-rikorrenti jgħid fir-rikors promotur tiegħu, jekk għandu ilment dwar il-proċeduri dixxiplinari li jinvolvuh, skond ma jgħid l-istess rikorrenti għandu appell pendenti quddiem il-Public Service Commission.*

*42.Illi bl-istess mod kif ir-rikorrenti ġie 'detailed' mall-Kulleġġ MCAST, ma hemm xejn li jostakola l-istess rikorrenti li jiġi 'detailed' mill-ġdid f'istituzzjoni edukattiva oħra, bħal per eżempju, l-Universita`.*

*43.Illi kwindi għandu jirriżulta bl-iżjed mod ampju li kwalunkwe preġudizzju li r-rikorrenti jħoss li jista' jsofri ċertament ma hux irrimedjabbli – pjuttost mhux talli għandu rimedji f'fora legali iżda saħansitra r-rikorrenti għandu l-possibilita` li jameljora l-pożizzjoni tiegħu billi jiġi 'detailed' f'istituzzjonijiet oħra li jistgħu jutilizzaw l-esperjenza u 'expertise' tiegħu aħjar.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi l-elementi għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni de quo ma ġewx sodisfatti, u għaldaqstant dan il-Mandat għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

4. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2021, l-Professur Joachim James Calleja, bħala rappreżentant ġudizzjarju tal-Malta College for Arts, Science and Technology, kif ukoll fil-kapaċita' personali tiegħu, u Philip Vella laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*1. ILLI din it-tweġiba qiegħda tiġi mressqa sabiex jitħares id-digriet maħruġ minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021);*

*2. ILLI mill-kliem tar-rikors jirriżulta li r-rikorrenti qiegħed jitlob li l-intimati, individwalment kif ukoll kollettivament, jinżammu milli jkomplu bl-esekuzzjoni w implementazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew minnhom meħuda u jitrasferixxi lil esponent fl-iskola ta' Pembroke Secondary school jew skola oħra;*

*3. ILLI l-esponent minnufih jiddikjara li huwa qiegħed jopponi għall-ħruġ ta' dan il-mandat t'inibizzjoni fil-konfront tiegħu u dan peress li ma jissodisfax il-kriterji stipulati fl-Artikolu 873 (tmien mija u tlieta u sebgħin) tal-Kodiċi tal-Proċedura u l-Organizzazzjoni Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Il-Prinċipal il-Professur Joachim James Calleja u d-Deputat Prinċipal is-Sur Philip Vella mhumiex il-leġittimi kontradittur*i

*Illi, in linea preliminari, l-esponent jissottometti li l-Prinċipal tal-Kulleġġ il-Professur Joachim James Calleja u d-Deputat Prinċipal tal-Kulleġġ is-Sur Philip Vella fil-kapaċita personali tagħhom mhumiex il-leġittimi kontradittur f'din l-azzjoni u dana stante li kwalunkwe azzjoni jew deċiżjoni li ttieħdet minnhom kienet waħda li ma ttieħditx f'isimhom propju iżda għan-nom tal-Kulleġġ esponent;*

*Għalhekk, l-Prinċipal tal-Kulleġġ il-Professur Joachim James Calleja u d-Deputat Prinċipal tal-Kulleġġ is-Sur Philip Vella għandhom jiġu meħlusa mill-osservazzjoni tal-ġudizzju u m'għandhomx jiġu kkundannati kwalunkwe spejjeż sa fejn jirrigwarda din il-proċedura.*

*Fatti:*

*4. ILLI r-rikorrent ġie detailed mal-Kulleġġ intimat permezz ta' ordni maħruġa mill-Prim Ministru ai termini tal-Artikolu 114 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta) b'effett minn l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) għall-perjodu definit ta' sena li sussegwentament ġie mibdul għall-perjodu indefinit;*

*5. ILLI minħabba li l-Kulleġġ esponent fl-2020 ma kellux aktar il-ħtieġa tas-servizz tar-rikorrenti u dana stante partikolarment il-fatt li r-rikorrent stess ħass li persuna kwalifikata bħala Perit tkun iktar addattata sabiex tgħallem is-suġġetti li kienu qedgħin jiġu mgħallma minnu, għamel talba skont l-artikolu 5.2.1 tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures sabiex id-detailing tar-rikorrent jiġi rrevokat sabiex il-kwalifiċi u l-kredenzjali tal-istess rikorrent ikunu jistgħu jiġu utilizzati b'mod aħjar u*

*aktar xieraq mis-Servizz Pubbliku u dana skont riżoluzzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST bir-referenza 36/2020 (annessa bħala Dok MCAST1);*

*6. ILLI l-Kulleġġ esponenti uffiċjalment informa lir-rikorrent bit-talba li kien għamel għar-revocation of detailing permezz ta' ittra datata l-10 ta' Settembru 2020 (annessa bħala Dok MCAST 2);*

*7. ILLI fil-frattemp, permezz ta' Letter of Charge datata 9 ta' Lulju 2020, il-Kulleġġ esponenti beda proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent minħabba numru ta' nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti. Dawn il-proċeduri saru skont il-parametri u r-regoli tas-Servizz Pubbliku stante li r-rikorrent huwa uffiċjal pubbliku. B'hekk id-deċiżjoni aħħarija minnhom kienet tal-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Iżda dawn il-proċeduri ma kienu bl-ebda mod relatati mat-talba li kien għamel il-Kulleġġ esponent għar-revocation of detailing tal-istess rikorrent iżda rriżultat minn u kienet tirrigwarda numru t'inċidenti kompletament separati u distinti mit-talba għar-revocation of detailing;*

*8. ILLI l-eżitu tal-imsemmija proċeduri dixxiplinarji kienu li l-Bord tad-Dixxiplina kostitwit skont ir-regoli tas-Servizz Pubbliku sab lir-rikorrent ħati tat-tliet akkużi li kienu sarulu mill-Kulleġġ intimat u għalhekk il-Prim Ministru fuq rakkomadazzjoni tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku iffissa penali ta' ħmistax –il jum utili ta' sospensjoni, liema sospensjoni kellha tapplika bejn it-Tnejn 21 ta' Ġunju u l-Ġimgħa 9 ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), flimkien ma' twissija ta' tkeċċija applikabbli għal-erba' (4) snin u dana skont l-ittra li qiegħda tiġi hawn annessa bħala Dok MCAST 3;*

*9. ILLI fl-istess waqt, fl-14 ta' Ġunju 2021, l-esponent ġie formalment informat li l-Prim Ministru kien irrevoka d-detailing tar-rikorrent nhar il-11 ta' Ġunju 2021 u b'hekk ir-rikorrent ma kellux jibqa' aktar impjegat tal-MCAST iżda kellu jirreverti lura għas-substantive grade tiegħu taħt il-kappa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni (Email annessa u mmarkata bħala DOK MCAST 4);*

*10.Illi wara komunikazzjoni bejn l-esponent u l-Ministeru tal-Edukazzjoni, ir-rikorrent ġie formalment informat li l-aħħar ġurnata tiegħu ġewwa l-MCAST kellha tkun it-18 ta' Ġunju 2021, filwaqt li l-Ministeru tal-Edukazzjoni informa lill-istess rikorrent li mil-21 ta' Ġunju kien ser ikun qiegħed jirriverti għas-substantive grade tiegħu fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni fejn wara li jgħaddi perjodu tas-sospensjoni li r-rikorrent kellu stante proċeduri dixxiplinarji, liema sospensjoni għadha in vigore minkejja li r-rikorrent attenta li jintavola appell mid-deċiżjoni, kellu jirraporta fl-iskola ta' Pembroke (Dokumenti annessi bħala Dok C mal-Mandat tar-rikorrent);*

*Konsiderazzjonijiet Legali Dwar il-Mandat ta' Inibizzjoni*

*11.ILLI l-intimat jemmen li t-talba tar-rikorrenti biex jinħareġ dan il-mandat ta' inibizzjoni ma tistax tiġi milqugħa u dan għaliex din ma tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*12.ILLI in rassenja legali ġie kemm–il darba indikat li huma tlieta ir-rekwiżiti ewlenija li jridu jiġu konfermati biex ikun jista' jiġi spedit il-mandat ta' inibizzjoni. Fl-ewwel lok irid jintwera li jkun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti. Fit-tieni lok li ż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jigi mħares dan il-jedd. Finalment, irid jintwera wkoll li prima facie r-rikorrenti għandu dak il-jedd;*

*13.ILLI oltre minn hekk l-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax il-Qorti hija obbligata tiċħad il-ħruġ ta' dak l-istess mandat (ara d-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet Jeffrey Farrugia vs. Kummissarju tal-Artijiet et);*

*14.ILLI barra minn hekk u partikolarment dwar il-jedd prima facie, "… huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat." (Sonia Grech pro et not vs Stephanie Manfre deċiża mill-Qorti tal-Appella fl-14 ta' Lulju 1988)*

*15.ILLI f'dan il-kwadru, l-esponent jissottometti li t-talba li qed issir mir-rikorrenti ma tissodisfax lanqas wieħed mill-elementi essenzjali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kif stipulati fl-Artikolu 873 fuq imsemmi;*

*Il-Mandat qiegħed jipprova jwaqqaf azzjoni li diġa' seħħet*

*16.ILLI l-iskop ta' Mandat t'Inibizzjoni huwa propju li jwaqqaf azzjoni li jkun hemm il-ħsieb li ssir milli tkompli titwettaq. Fil-każ odjern dan mhuwiex possibbli u dana stante l-fatt li d-deċiżjoni li l-esponent jiġi ttrasferit diġa ttieħdet u ġiet propju kkomunikata lir-rikorrenti fis-17 ta' Ġunju 2021 u dana kif hu evidenti mill-ittri ppreżentati mir-rikorrenti stess mal-Mandat tiegħu li huma mmarkati bħala Dok C;*

*17.ILLI oltre minn hekk, l-impjieg tar-rikorrenti mal-Kulleġġ esponent kien diġa' ġie fi tmiemu nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju 2021, wara liema jum ir-rikorrenti kellu istruzzjonijiet ċari u inekwivoki li m'għandux jattendi aktar għax-xogħol ġewwa l-Kulleġġ u l-esponent informa wkoll*

*b'mod formali lil Jobsplus dwar it-terminazzjoni t'impjieg tar-rikorrent, liema terminazzjoni ġiet rikonoxxuta mill-Jobsplus permezz tal-ittra hawn annessa u mmarkata bħala Dok MCAST 5;*

*18.ILLI l-Mandat odjern ġie intavolat fil-Qorti nhar it-Tnejn 21 ta' Ġunju 2021 u b'hekk ma jista' bl-ebda mod fil-liġi jwaqqaf l-azzjoni li kienet diġa' saret, u ċioe' r-revocation of detailing li rriżultat fit-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent mal-Kulleġġ esponent.*

*19.ILLI l-esponent jissottometti li saħansitra m'hemm l-ebda azzjoni li l-Mandat odjern jista' jwaqqaf lill-Kulleġġ esponent milli jagħmel u dana stante li m'hemm l-ebda azzjoni li jista' jagħmel jew deċiżjoni oħra li jista' jieħu fir-rigward tar-revocation of detailing tal-istess rikorrent. Filfatt it-talba kif miktuba fir-rikors tal-Mandat bl-ebda mod ma ssemmi li r-rikorrent għandu jinżamm bħala impjegat fil-Kulleġġ esponent.*

*20.ILLI oltre minn hekk anke d-deċiżjoni ta' fejn hu filfatt l-post tal-impjieg tar-rikorrent hija waħda li diġa ttieħdet u l-unika raġuni li r-rikorrent ma kienx mitlub jirraporta fl-iskola ta' Pembroke Secondary School kienet li kien daħal in vigore l-perjodu tas-sospensjoni li kien irriżulta fil-forma ta' penali mid-deċiżjoni tal-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku wara l-proċeduri dixxiplinarji;*

*21.ILLI minħabba n-natura tardiva ta' dan l-Mandat it-talba kif dedotta toħloq minnha nnifisha ambigwita u dana stante li la darba l-impjieg tar-rikorrent ġie definittivament terminat mill-Kulleġġ esponent u l-Mandat huwa ntiż biex ir-rikorrenti ma jiġix ittrasferit fl-iskola ta' Pembroke Secondary school jew xi skola oħra, mela allura tqum id-domanda: li kieku kellha din l-Onorabbli Qorti tilqa' dan il-Mandat kif dedott, fejn ser ikun il-post tal-impjieg tar-rikorrent?*

*22.ILLI l-esponent jissottometti li r-rikorrent kellu xhur sħaħ t'opportunita sabiex iwaqqaf il-proċess ta' kunsiderazzjoni dwar ir-revocation of detailing u dana stante li kien ilu formalment jaf bih minn Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020).*

*23.ILLI in vista tas-suespost l-esponent jikkontendi li jemerġi b'mod ċar u inekwivoku li dak li qiegħed jattenta li jwaqqaf il-Mandat ojdern hija deċiżjoni li diġa ttieħdet u twettqet u b'hekk il-Mandat odjern ma jista' qatt ikollu effett retroattiv li b'xi mod jibdel deċiżjoni li diġa' u/jew azzjoni li diġa' effittivament ttieħdet jew twettqet.*

*Ma Hemmx Jedd Prima Facie*

*24.ILLI, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent permezz tal-Mandat intavolat minnu qiegħed jitlob li tinżamm l-esekuzzjoni u l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni li r-rikorrent jiġi ttrasferit fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra. Konsegwentament, ir-rikorrent permezz tal-Mandat odjern iqis li għandu l-jedd prima facie li b'xi mod ikollu x-xelta libera ta' fejn jeżerċita l-professjoni tiegħu fil-kamp tas-servizz u s-settur pubbliku;*

*25.ILLI kieku kemm –il darba l-amministrazzjoni tas-servizz u s-settur pubbliku kellha tippermetti dan, ċertament li tirriżulta f'sistema fejn l-kompetenzi u t-talenti tal-impjegati ma jiġux utilizzati bl-aħjar mod possibli. Hija fid-diskrezzjoni ta' kull min jimpjega li jutilizza r-riżorsi umani bl-aktar mod vantaġġjuż għall-organizzazzjoni partikolari. Naturalment, dan ma jistax isir b'mod traskurat jew kappriċjuż u huwa propju għalhekk li deċiżjonijiet tal-kalibru ta' revocation of detailing jittieħdu mill-Prim Ministru nnifsu;*

*26.ILLI fil-fatt it-talba għar-revokazzjoni tad-detailing tar-rikorrent ma saritx b'mod kapriċċuż iżda saret bl-intenzjoni unika li persuna tal-kalibru u l-kompetenzi tar-rikorrent jiġi utilizzat b'mod li jkun aktar ġust u xieraq;*

*27.ILLI huwa għalhekk ċar u inekwivoku li l-impjegat tas-servizz pubbliku m'għandux il-jedd assolut li jagħżel fejn jeżerċita l-professjoni tiegħu iżda dan irid ikun għas-servizz u d-disposizzjoni tal-esiġenzi tal-istess servizz pubbliku;*

*28.ILLI għalhekk, in vista tas-suespost, l-esponent jikkontendi li ma jeżistix il-jedd prima facie ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12.*

*In-Nuqqas ta' Preġudizzju Irrimedjabbli*

*29.ILLI r-rikors promotur ma jagħti l-ebda indikazzjoni dwar ir-rikorrent xi jqis li hu l-preġudizzju irrimedjabbli, u ċioe' dak il-preġudizzju li jista' fil-fehma tar-rikorrent jiġi kawtelat unikament permezz tal-mandat odjern;*

*30.ILLI fil-fatt ir-rikorrent għandu xelta ta' azzjonijiet kemm amministrattivi u kemm legali li jista' jutilizza sabiex jikkontesta r-revocation of detailing li seħħ fil-konfront tiegħu;*

*31.ILLI għalhekk, l-esponent jikkontendi li anke dan ir-rekwiżit ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12 huwa nieqes.*

*Konklużjoni*

*32.Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet premessi l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:*

*a. Tillibera lill-esponenti l-Professur Joachim James Calleja u s-Sur Philip Vella fil-kapaċita personali tagħhom mill-osservanza tal-ġudizzju stante li mhumiex il-leġittimi kontradittur f'din l-azzjoni,*

*b. Tiċħad ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-intimati kollha esponenti, u*

*c. Li għall-istess raġunijiet l-istess esponenti m'għandhomx ibagħtu spejjeż ta' dawn il-proċeduri.*

5. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2021, it-trattazzjoni finali tar-rikors odjern ma setgħetx issir minħabba f'theddida ta' bomba magħmula fil-binja tal-Qorti, u għalhekk il-kawża kellha tiġi differita għall-15 ta' Lulju 2021.

6. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, mogħtija fil-15 ta' Lulju 2021, wara liema trattazzjoni ir-rikors ġie differit għall-digriet finali għallum.

**Konsiderazzjonijiet legali**

7. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

8. Jirriżulta ukoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

9. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16 LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjesti għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

*Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

*(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*

*(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-*

*Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*

*Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

> *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il liġi".*

*(3) <u>ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd</u>: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra*

*jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara* ***Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici*** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn</u>. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* ***Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti****, Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) <u>Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi</u>. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

**Fatti**

10. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent huwa għalliem tal-Ġeoloġija fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u, sa mis-sena 2014, kien qiegħed jippresta s-servizzi

tiegħu bħala Senior Lecturer fi ħdan il-Malta College for Arts, Science and Technology, u dana fid-Dipartiment ta' Building & Construction Engineering.

11. Jirriżulta illi fis-sena 2020, qamet kwistjoni bejn ir-rikorrent w il-persuni responsabbli fl-MCAST dwar il-metodi ta' tagħlim adoperat, il-kurrikulum ta' tagħlim u varji kwistjonijiet kollha lkoll relatati mat-tagħlim illi huwa kien inkarigat jagħti lill-istudenti li tagħhom huwa kien responsabbli.

12. Jirriżulta illi tali differenza wasslu sabiex tittieħed deċiżjoni li jitwaqqaf milli jagħti aktar servizzi ġewwa l-MCAST, u għalhekk titħassarlu dak hekk imsejjaħ "detailing" tiegħu mal-MCAST, kif ukoll illi jitwaqqaf milli jingħata klassijiet x'jgħallem u jiġi prekluż milli jikkomunika mal-istudenti.

13. Jirriżulta illi, minkejja tali deċiżjoni, ir-revoka tad-'detailing' tar-rikorrent, illi hija prerogattiva tal-Prim Ministru, ma seħħitx u għalhekk huwa tħalla jattendi ġewwa l-MCAST mingħajr ma jingħata ebda xogħol x'jagħmel.

14. Jirriżulta illi, nelfrattemp, fis-6 ta' Ottubru 2020, huwa ressaq ilment quddiem l-Kummissarju għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman, fejn ilmenta dwar id-deċiżjoni meħuda mill-MCAST.

15. Jirriżulta illi fit-12 ta' Mejju 2021, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni Vincent A De Gaetano sab a favur tar-rikorrent u għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

> *12.In the, circumstances the Commissioner upholds the complaint to the extent and in so far as it refers to MCAST's decision not to assign to the complainant any teaching duties and to his being prevented from contacting students for such a long period while still on the books of MCAST, and concludes that this was an act which was oppressive and tantamount to degrading treatment of the complainant by the said institution.*
>
> *13.Given the time that has elapsed from the beginning of the current academic year, no recommendations as adverted by the complainant in his complaint form are being made*

16. Jirriżulta illi fl-4 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrent kien mgħarraf li proċeduri dixxiplinari mibdjia fid-9 ta' Lulju 2020 kontra tiegħu kienu ġew deċiżi lkoll kontra tiegħu w huwa kien sospiż mix-xogħol bejn il-21 ta' Ġunju 2021 u d-9 ta' Lulju 2021.

17. Jirriżulta, finalment, illi fis-17 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrent kien mgħarraf illi mill-21 ta' Ġunju 2021 huwa kellu jirraporta ġewwa l-Pembroke Secondary School u kellu jirriverti lura għall-iskala ta' għalliem illi huwa kellu qabel ma sar Senior Lecturer ġewwa l-MCAST.

**Difiżi**

18. Jirriżulta illi l-Ministru għall-Edukazzjoni, is-Segretarju Permanenti fi dan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Dr Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru saħqu illi ma kinux il-leġittimi kontradittturi stante illi deċiżjonijiet ta' 'detailing' jittieħdu mill-Prim Ministru.

19. Il-Qorti tosserva, madanakollu, illi r-rikorrent huwa impjegat tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u għalhekk jaqa' taħt ir-responsabbiltajiet ta' tali Ministeru, filwaqt illi Dr Joyce Cassar, bħala Segretarju Permanenti tal-Peoples and Standards Division fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, hija l-persuna responsabbli għall-uffiċċju li jiġġestixxi l-approvazzjoni tar-revoka ta' detailing ta' persuna, bħalma ġara fil-każ odjern – għalhekk, huwa ben leġittimu illi l-azzjoni odjerna saret fil-konfront tagħhom.

20. Jirriżulta wkoll illi l-Professur Joachim James Calleja u Philip Vella, bħala Prinċipal u Deputat Prinċipal tal-MCAST, lkoll saħqu illi ma kinux il-leġittimi kontradittturi stante illi kwalsiasi deċiżjoni ttieħdet mhux f'isimhom personali, iżda f'isem il-Kulleġġ Esponent.

21. Il-Qorti tosserva illi kien jispetta lil tali intimati jipprovdu dokumentazzjoni in sostenn ta' dan l-assersjoni, liema dokumentazzjoni ma ġietx riprodotta. Tosserva wkoll illi fir-rikors promotur, ma ġewx imħarrka fil-kapaċita personali tagħhom, iżda bħala Prinċipal u Viċi Prinċipal tal-MCAST – għalhekk huwa ben leġittimu illi l-azzjoni odjerna saret fil-konfront tagħhom ukoll.

22. Jirriżulta illi l-intimati lkoll jikkontendu illi l-Mandat ta' Inibizzjoni odjern ma jistax jintlaqa' stante illi dak illi l-Mandat qiegħed jipprova jwaqqaf, attwalment dak li ġia seħħ.

23. Jirriżulta, mill-assjem tal-fatti kif prodotti, illi fit-18 ta' Ġunju 2021, in ottemperanza mal-ordni lilu mogħtija mill-MCAST, huwa rritorna lura l-oġġetti fil-pussess tiegħu li kellhom konnessjoni mal-MCAST.

24. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi permezz tal-proċeduri odjerni, huwa qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex twaqqaf lill-intimati mill-"*implimetazzjoni tad-deċiżjoni ... meħuda u jittrasferixxi lill-esponenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra*".

25. Jirriżulta illi, għalkemm huwa minnu illi d-deċiżjoni tal-MCAST jidher illi ġia ttieħdet u jidher ukoll illi, permezz ta' email datata 14 ta' Ġunju 2018, il-People Resourcing and Compliance Directorate għarrfet lil kullħadd, għajr għar-rikorrent, illi t-tħassir tad-detailing kien ġie approvat fil-11 ta' Ġunju 2021, jidher ċar illi, a differenza ta' dak indikat fl-email fuq imsemmija, fejn jingħad li "standard handover period of up to four (4) weeks, should this be required, applies", l-MCAST ikkomunikat tali deċiżjoni b'effett immedjat fi żmien tlett ijiem biss.

26. Jirriżulta ċar illi kwalsiasi deċiżjonijiet u azzjonijiet intentati mill-MCAST ittieħdu bil-għan illi jiġu preġudikati d-drittijiet tar-rikorrent.

27. Jirriżulta, għalhekk, illi għalkemm jingħad illi d-deċiżjoni ġia ttieħdet, huwa ċar illi l-proċess sar kollu bil-għaġġla ferm aktar minn normal, w għalhekk il-Qorti tqis illi r-rikorrent kellu kull dritt illi jipproteġi l-ftit drittijiet illi kien baqagħlu bil-proċeduri odjerni.

28. Għalhekk tali difiża ma tissussistix.

29. Jirriżulta wkoll illi l-intimati lkoll jikkontendu illi r-rikorrent ma għandux dritt prima facie w li ma għandu ebda preġudizzju irrimedjabbli.

30. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi bid-deċiżjoni meħuda mill-MCAST kif ukoll approvata mill-Prim Ministru, ir-rikorrent qiegħed jiġi "demoted" minn Senior Lecturer fid-Dipartiment ta' Building & Construction Engineering fil-Kulleġġ tal-MCAST għal għalliem fl-iskola Sekondarja tal-Gvern ta' Pembroke, liema deċiżjoni għandha ramifikazzjonijet kemm finanzjarji fuq ir-rikorrent, minħabba fit-tnaqqis fis-salarju tiegħu, kif ukoll umani, in vista tal-effetti illi tali deċiżjoni ċertament ser ikollha fuq ir-rikorrent.

31. Il-Qorti ma tistax ma tosservax il-kumment tal-Prinċipal u Viċi Prinċipal tal-MCAST, il-Professur Calleja u s-Sur Vella, fl-argumentazzjoni minnhom imressqa in sostenn mad-difiża tagħhom li r-rikorrent ma għandu ebda dritt prima facie, jgħidu dan:

> *26.ILLI fil-fatt it-talba għar-revokazzjoni tad-detailing tar-rikorrent ma saritx b'mod kapriċċuż iżda saret bl-intenzjoni unika li persuna tal-kalibru u l-kompetenzi tar-rikorrent jiġi utilizzat b'mod li jkun aktar ġust u xieraq;*

32. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li tali intenzjoni daqstant altruista da' parte tal-MCAST hija ċertament imtappna jekk mhux imċappsa b'mod irreversibbli mill-fatt li, bid-deċiżjoni tagħhom, r-rikorrent ser jerġa' jintbagħat lura fl-iskala tiegħu ta' teacher u jgħallem ġewwa l-Iskola Pembroke, minkejja l-"kalibru u l-kompetenzi" illi jisħqu li għandu r-rikorrent.

33. Tali azzjoni, waħidha, għandha tkun biżżejjed bħala dritt prima facie tar-rikorrent biex jipprotegi l-interess tiegħu, liema interessi ċertament jiġu irremedjabbilment preġudikati f'każ illi kellu jintbagħat lura ġewwa skola sekondarja, kif lilu ordnat biex jagħmel.

34. Għalhekk, kwalsiasi argumentazzjoni dwar nuqqas ta' dritt prima facie u/jew nuqqas ta' preġudizzju irrimedjabbli huwa mxejjen mill-konsegwenzi li d-deċiżjoni ta' l-intimati ser ikollhom fuq r-rikorrent.

35. Ikkunsidrati dawna l-punti kollha, jirriżulta, fuq bażi prima facie, illi jirrikorru l-elementi kollha meħtieġa skond il-Liġi sabiex dina l-Qorti tilqa' b'mod definittivament it-talba kif redatta.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fil-21 ta’ Ġunju 2021 billi:

**Tilqa’** t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni kif redatt b’mod definittiv.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tal-kulleġġ intimat Malta College for Arts Science and Technology.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**